**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 132/18 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disa` mija u tnejn u disghin (1992) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. 'A'**.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied: xxxxxxx illi twieled nhar l-Erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995) u xxxxxx illi twieled nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin

(1999). Ic-certifikati tat-twelid tal-ulied jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B u Dok. C.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt min-Nutar Dottor Claire Camilleri, datat sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra, vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D.

4. Illi l-partijiet permezz ta' kuntratt ulterjuri redatt ukoll minn Nutar Dottor Claire Camilleri datat il-hmistax ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) emmendaw l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali fir-rigward tal-fond numru tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' appartamenti igib in-numru ufficcjali sbatax (17) bl-isem "Claire de Lune" fejn il-partijiet qablu illi l-imsemmi fond illi kien thalla in komuni bejniethom, jigi assenjat lir-ragel, filwaqt illi r-ragel hallas lill-mara is-somma ta' disgha u hamsin elf mija u hamsin euro (€59,150) rapprezentanti sehemha mill-istess. Vera kopja ta' dan il-kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. E.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u ghaxra (2010), il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni rigwardanti manteniment, bejn il-kontendenti, la fil-konfront ta' xulxin u lanqas fil-konfront tal-ulied.

7. Illi dawn il-fatt hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta'  bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;

Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri datat sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016); liema kuntratti gew pprezentati mar-rikors promotur;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi m'hemmx arretrati ta' manteniment;

Illi l-esponenti jitlob lil dina il-Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta' dawna il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' April 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.